MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Numru. 217/2007

PULIZIJA
SPETTUR M. CAMILLERI
VS
LUDWIG SCICLUNA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-Ludwig Scicluna, iben Joseph Mary u Carmen nee’ Cilia, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Awissu 1977, residenti ‘66’ Mario House Dragon Street, Qormi u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 464677(M).

Illi huwa akkuzat talli fis-6 ta’ Settembru 2006 gewwa Hal Qormi ghall-habta ta’ nofs in-nhar volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm 50 Maltin izda ghall-valur ta’ inqas minn Lm 500 Maltin meta ghamel hsara volontarja fuq il-vettura DAB 074 Toyota ghad-dannu ta’ Mariella Scicluna ID 282872(M)

Illi huwa akkuzat talli fl-istess data ghamel uzu minn stallazzjoni, apparat, strument jew accessorji ohra cioe telefon fiss u/jew telefon cellulari ghall-ghanijiet ohra minbarra dawk li ghalihom provdut meta cempel lil Mariella Scicluna ID 282872(M) u heddidha bi kliem u ingurjaha u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 43(1) Kap.250 Vol. VI tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.4) u dak ta’ l-imputat (a fol.7).

Rat il-Verbal tas-27 ta’ Mejju 2008 fejn il-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet.

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi Mariella Scicluna ghamlet rapport lil Pulizija illi l-imputat, minnu separate, heddidha u wettaq hsarat fuq il-karozza taghha billi tela’ biz-zarbun fuq il-bonnet tal-karozza taghha, liema hsarat tammonta ghal 329.84 € (ekwivalenti ghal Lm 141.60), dana in segwitu ta’ argument li nqala’ meta l-‘girlfriend’ ta’ l-imputat provat tkellem lit-tifel tal-konjugi Scicluna waqt li kien qieghed ma’ ommu, Mariella Scicluna.

Ivan Schembri, mechanic, ikkonferma l-istima tal-hsarat fuq il-karozza.

Marisa Camilleri ezebiet (a fol.14) ir-ritratti illi juru l-hsarat fuq il-karozza taghha DAB 074 Toyota, izda ma xhedet xejn dwar l-incident li dwar dan ghamlet ir-rapport.

Frances Mintoff (a fol.19) ikkonferma illi huwa ghandu ‘Shopwise’. Xhed illi il-kwerelanta, kienet dahlet fil-hanut

tieghu, talbitu jcempel lil Pulizija ghall-assistenza. Ikkonferma illi waslu l-Pulizija fuq il-post.

L-imputat, Ludwig Scicluna, ghazel li ma jixhidx u ma pproduca ebda prova ohra.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza giet istitwita' minn Mariella Sciclina, mart Ivan Scicluna u tirrigwarda hsara volontarja fuq propjeta' taghha (karozza) li tammonta ghal 329.84 € (ekwivalenti ghal Lm 141.60)

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova formali illi z-zwieg tal-konjugi Scicluna gie xolt legalment jew almenu illi hemm separazzjoni formali bejn il-Parijiet.

Illi l-Artikolu 331 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi:

*"Except in the cases referred to in articles 316 u 317 (Arsen)* ***no criminal proceedings maybe instituted*** *except on the complaint of the injured party for offenses committed against the property of any descendant or relative by affinity in the descending line, or* ***of the husband or wife,*** *unless* ***such offences be accompanied with homicide, bodily harm or confinement of the person or with a threat to kill or to inflict bodily harm."***

Illi l-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova l-kwerela ta' Mariella Scicluna u b'mod specjali naqset illi tipprova illi l-hsara fil-propjeta' kienet abbinata mar-reati jew kontravvenzjonijiet imsemmija fl-istess Artikolu 331 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fid-dawl ta' dawn il-mankanzi serji, l-Qorti m'ghandiex alternattiva ghajr illi tiddikjara lill-imputat, Ludwig Scicluna, mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------